Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/885

20.8.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/885

tad-29 ta' April 2025

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-arranġamenti, is-sistemi u l-proċeduri għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u r-rapportar tal-abbuż tas-suq, il-mudelli li għandhom jintużaw għar-rapportar ta' abbuż suspettat tas-suq, u l-proċeduri ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għad-detezzjoni u s-sanzjonar tal-abbuż tas-suq f'sitwazzjonijiet ta' abbuż tas-suq transfruntier

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 92(2), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Huma meħtieġa rekwiżiti għall-arranġamenti, il-proċeduri u s-sistemi li l-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fil-kriptoassi għandu jkollhom fis-seħħ għar-rapportar ta' ordnijiet, tranżazzjonijiet u aspetti oħra tal-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit (distributed ledger technology, DLT), inkluż il-mekkaniżmu ta' kunsens, fejn jista' jkun hemm ċirkostanzi li jindikaw li jkun twettaq, ikun qed jitwettaq jew li x'aktarx ikun se jitwettaq abbuż tas-suq. Tali rekwiżiti huma kritiċi u jenħtieġ li jassistu fil-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-abbuż tas-suq. Dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jgħinu wkoll fl-iżgurar li r-rapporti dwar suspetti raġonevoli dwar ordnijiet, tranżazzjonijiet u aspetti oħra tal-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit (STOR) sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti jkunu sinifikanti, komprensivi u utli.

(2) Sabiex jiġi żgurat li l-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-abbuż tas-suq ikunu effettivi, jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ sistemi xierqa għall-monitoraġġ tal-ordnijiet, tat-tranżazzjonijiet u ta' aspetti oħra tal-funzjonament tad-DLT, f'konformità mal-iskala, id-daqs u n-natura tal-attività kummerċjali tal-persuna li professjonalment tirranġa jew teżegwixxi t-tranżazzjonijiet. Tali sistemi jenħtieġ li jipprevedu analiżi umana mwettqa minn persunal imħarreġ kif xieraq abbażi ta' informazzjoni oġġettiva għad-dispożizzjoni tal-entità relatriċi. Jenħtieġ li l-entità tiġbor data personali addizzjonali biss biex tiżgura analiżi umana xierqa. Sabiex tkun tista' ssir analiżi ulterjuri ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata potenzjali jew manipulazzjoni tas-suq jew tentattiv ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata jew manipulazzjoni tas-suq, is-sistemi għall-monitoraġġ tal-abbuż tas-suq jenħtieġ li jkunu kapaċi jipproduċu twissijiet f'konformità ma' parametri speċifikati. L-aċċess għal tali twissijiet jenħtieġ li jiġi rreġistrat biex jiġi żgurat li dawn jintużaw biss biex jiġi identifikat l-abbuż tas-suq. Il-proċess kollu x'aktarx li jkun jirrekjedi xi livell ta' awtomatizzazzjoni.

(3) Sabiex jiġi analizzat jekk l-arranġamenti, is-sistemi u l-proċeduri għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-abbuż tas-suq humiex xierqa, huwa meħtieġ li jiġi vvalutat l-impatt li l-persuna li professjonalment tirranġa jew teżegwixxi t-tranżazzjonijiet jista' jkollha fuq is-suq. Bħala parti minn dik il-valutazzjoni, jenħtieġ li tali persuni jivvalutaw jekk għandhomx pożizzjoni sinifikanti jew dominanti fi kwalunkwe segment tal-assi tas-suq tal-kriptoassi f'liema każ dawk l-arranġamenti, is-sistemi u l-proċeduri jenħtieġ li jkunu proporzjonati għall-pożizzjoni tagħhom.

(4) Il-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-abbuż tas-suq jirrikjedu monitoraġġ kontinwu tal-ordnijiet u tat-tranżazzjonijiet kollha rranġati jew eżegwiti minn persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet, irrispettivament minn jekk dawk l-ordnijiet u t-tranżazzjonijiet jiġux eżegwiti fir-reġistru distribwit ("on-chain") jew barra mir-reġistru distribwit ("off-chain"), inklużi trasferimenti ta' kriptoassi lejn jew minn kontijiet ta' klijenti tal-istess fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi.

([1]) ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj.

(5) Sabiex jiġu ffaċilitati u promossi approċċ u prattiki konsistenti madwar l-Unjoni fir-rigward tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u s-sanzjonar tal-abbuż tas-suq, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dettaljati li jarmonizzaw il-kontenut, il-mudelli u t-twaqqit tar-rapportar ta' ordnijiet u tranżazzjonijiet suspettużi u aspetti oħra tal-funzjonament tad-DLT.

(6) Sabiex jikkondividu r-riżorsi, jiżviluppaw u jżommu ċentralment sistemi ta' monitoraġġ, u jibnu għarfien espert fil-kuntest tal-monitoraġġ ta' ordnijiet u tranżazzjonijiet suspettużi, jenħtieġ li l-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fil-kriptoassi jkunu jistgħu jiddelegaw il-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' tali ordnijiet, tranżazzjonijiet u aspetti oħra tal-funzjonament tad-DLT fi grupp, jew jiddelegaw l-analiżi tad-data u l-ġenerazzjoni ta' twissijiet, soġġett għal kundizzjonijiet xierqa. Jenħtieġ li tali delega lanqas ma tipprevjeni lill-awtoritajiet kompetenti milli jivvalutaw, fi kwalunkwe ħin, jekk l-arranġamenti, is-sistemi u l-proċeduri tal-persuna li lilha jiġu ddelegati l-funzjonijiet humiex effettivament konformi mal-obbligu li jipprevjenu u jidentifikaw l-abbuż tas-suq. L-obbligu ta' rapportar u r-responsabbiltà għall-konformità ma' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) 2023/1114 jenħtieġ li jibqgħu tal-persuna li tiddelega.

(7) Il-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi li joperaw pjattaforma ta' negozjar jenħtieġ li jkollhom regoli xierqa ta' negozjar li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-abbuż tas-suq. Dawk l-entitajiet jenħtieġ li jkollhom ukoll faċilitajiet biex jerġgħu jaraw mill-ġdid il-ktieb tal-ordnijiet biex janalizzaw l-attività ta' negozjar.

Mudell uniku u armonizzat għas-sottomissjoni elettronika ta' rapport dwar tranżazzjonijiet u ordnijiet suspettuži (suspicious transaction and order report, "STOR") jenħtieġ li jiffaċilita l-kondiviżjoni effiċjenti ta' informazzjoni dwar ordnijiet u tranżazzjonijiet suspettuži bejn l-awtoritajiet kompetenti f'investigazzjonijiet transfruntiera.

(8) Il-kampi ta' informazzjoni f'tali mudell STOR, fejn jimtlew b'mod ċar, komprensiv, oġġettiv u preċiż, jenħtieġ li jassistu lill-awtoritajiet kompetenti biex jivvalutaw minnufih tali ordnijiet u tranżazzjonijiet suspettuži u jieħdu l-azzjoni meħtieġa. Għalhekk, jenħtieġ li tali mudell STOR jippermetti lill-persuni li jissottomettu l-STOR jipprovdu l-informazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti jqisu rilevanti dwar ordnijiet, tranżazzjonijiet jew aspetti oħra suspettuži tal-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit irrapportata u jispjegaw ir-raġunijiet għas-suspett. Il-mudell STOR jenħtieġ li jippermetti wkoll lill-persuni li jissottomettu l-STOR jipprovdu data personali li tagħmilha possibbli li jiġu identifikati l-persuni involuti fl-attività suspettuża u li jassistu lill-awtoritajiet kompetenti fl-investigazzjonijiet tagħhom. Jenħtieġ li tali informazzjoni tiġi pprovduta mill-bidu nett, sabiex l-integrità tal-investigazzjoni ma tiġix kompromessa mill-ħtieġa potenzjali li awtorità kompetenti tikkuntattja matul investigazzjoni lill-persuna li tkun issottomettiet l-STOR. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data. Il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data b'mod partikolari jenħtieġ li jiġi rrispettat meta tinġabar data personali biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament.

(9) Sabiex tiġi ffaċilitata s-sottomissjoni ta' STOR, jenħtieġ li l-mudell jippermetti l-hemża ta' dokumenti u materjali li huma meħtieġa biex jappoġġaw in-notifika li tkun saret, inkluż fil-forma ta' anness li jelenka l-ordnijiet jew it-tranżazzjonijiet suspettuži u jiddettalja l-prezzijiet u l-volumi tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-mudell STOR jippermetti r-rapportar ta' mġiba suspettuża marbuta mal-funzjonament tad-DLT.

(10) Jenħtieġ li l-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi kriptoassi ma jinnotifikawx l-ordnijiet kollha riċevuti jew it-tranżazzjonijiet kollha mwettqa li jkunu skattaw allert intern. Tali rekwiżit ikun inkonsistenti mar-rekwiżit li jiġi evalwat, fuq il-bażi ta' każ b'każ, jekk hemmx raġunijiet fondati biex ikun hemm suspett.

(11) L-analiżi tal-ordnijiet, tat-tranżazzjonijiet jew ta' aspetti oħra tal-funzjonament tad-DLT jenħtieġ li tqis mhux biss l-informazzjoni interna tal-persuna li professjonalment tirranġa jew teżegwixxi tranżazzjonijiet fi kriptoassi, iżda l-informazzjoni kollha disponibbli għall-pubbliku, inkluża informazzjoni dwar tranżazzjonijiet inkorporati f'sistema ta' reġistru pubbliku.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

(12) L-STORs jenħtieġ li jiġu ppreżentati lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien ladarba jkun ġie ffurmat suspett raġonevoli dwar l-eżistenza ta' abbuż tas-suq. L-analiżi dwar jekk ordni jew tranżazzjoni partikolari għandhiex titqies suspettuża jenħtieġ li tkun ibbażata fuq fatti, mhux spekulazzjoni jew preżunzjoni u jenħtieġ li titwettaq malajr kemm jista' jkun. Id-dewmien tas-sottomissjoni ta' rapport biex jiġu inkorporati aktar ordnijiet jew tranżazzjonijiet suspettużi jew aspetti oħra tal-funzjonament tad-DLT jew l-akkumulazzjoni ta' diversi STORs ikun irrikonċiljabbli mal-obbligu li titħieħed azzjoni mingħajr dewmien, meta jkun diġà ġie ffurmat suspett raġonevoli. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li l-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi kriptoassi jivvalutaw fuq bażi ta' każ b'każ jekk diversi ordnijiet, tranżazzjonijiet jew aspetti oħra tal-funzjonament tad-DLT jistgħux jiġu rrapportati f'STOR wieħed.

(13) Jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn jiġi ffurmat suspett raġonevoli ta' abbuż tas-suq wara li tkun seħħet l-attività suspettata, minħabba avvenimenti jew informazzjoni disponibbli sussegwenti. Din jenħtieġ li ma tkunx raġuni biex ma tiġix irrappurtata l-attività suspettata lill-awtorita kompetenti. Sabiex turi l-konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar f'dawk iċ-ċirkostanzi speċifiċi, jenħtieġ li l-persuna li tissottometti l-STOR tkun tista' tiġġustifika d-diskrepanza fiż-żmien bejn l-okkorrenza tal-attività suspettata u l-formazzjoni tas-suspett raġonevoli li jkun twettaq, li jkun qed jitwettaq jew li x'aktarx jitwettaq abbuż tas-suq.

(14) Sabiex jassistu lill-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi kriptoassi fl-eżerċizzju tal-ġudizzju tagħhom meta jikkunsidraw ordnijiet jew tranżazzjonijiet suspettużi sussegwenti, jenħtieġ li dawn ikunu jistgħu jfakkru u jirrieżaminaw l-analiżi tal-STORs li jkunu ġew ippreżentati, u ta' dawk l-ordnijiet, it-tranżazzjonijiet u l-imġiba suspettużi marbuta mal-funzjonament tad-DLT li jkunu ġew analizzati, iżda li fir-rigward tagħhom l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun ikkonkludiet li r-raġunijiet għas-suspett ma kinux raġonevoli.

(15) Sabiex jiġi evitat l-abbuż tas-suq sa fejn ikun possibbli, il-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi kriptoassi jenħtieġ li jkunu jistgħu jirfinaw is-sistemi ta' sorveljanza tagħhom u jidentifikaw xejriet ta' mġiba ripetuta, li l-aggregat tagħhom jista', meta jitqies kollu kemm hu, jirriżulta f'suspett raġonevoli ta' abbuż tas-suq. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-persuni jkunu meħtieġa janalizzaw ordnijiet, tranżazzjonijiet, imġiba suspettużi u aspetti oħra marbuta mal-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit li ma wasslux għal STOR u jirreġistraw tali analiżijiet. Tali rekords jenħtieġ li jassistu wkoll lil tali persuni fl-evidenza tal-konformità mal-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) 2023/1114 u jenħtieġ li jiffaċilitaw it-twettiq mill-awtoritajiet kompetenti tal-funzjonijiet superviżorji, investigattivi u ta' infurzar tagħhom skont l-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) 2023/1114.

(16) Meta jitqies li s-swieq fil-kriptoassi huma transfruntiera b'mod inerenti, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-proċeduri ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għad-detezzjoni u s-sanzjonar tal-abbuż tas-suq f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' abbuż tas-suq transfruntier. Tali proċeduri ta' koordinazzjoni jenħtieġ li jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda investigazzjoni jew attivitajiet ta' infurzar konfliġġenti. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li sitwazzjonijiet ta' abbuż tas-suq transfruntier jinkludu każijiet li fihom jitwettqu tranżazzjonijiet suspettużi fi Stat Membru li jikkonċernaw kriptoassi li jkun ammess għan-negozjar fi Stat Membru ieħor u każijiet li fihom il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi kkonċernat ikun qed jopera f'aktar minn Stat Membru wieħed.

(17) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għat-trażmissjoni ta' STORs fost l-awtoritajiet kompetenti. Tali rekwiżiti huma kritiċi, fin-nuqqas ta' reġim ta' rapportar tat-tranżazzjonijiet, biex jiġu żgurati superviżjoni u infurzar effiċjenti tas-suq filwaqt li tiġi evitata t-trażmissjoni ta' fluss massiv ta' informazzjoni li ma jkunx utli għall-awtorità riċeventi.

(18) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-Kummissjoni ("ESMA").

(19) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj).

(20) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u ta l-opinjoni tiegħu fit-22 ta' Jannar 2025,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "rapport dwar tranżazzjonijiet u ordnijiet suspettużi" (suspicious transaction and order report, STOR) tfisser ir-rapport dwar ordnijiet jew tranżazzjonijiet suspettużi, inkluż kwalunkwe kanċellazzjoni jew modifika tagħhom, u aspetti oħra tal-funzjonament tad-DLT fejn jistgħu jeżistu ċirkostanzi li jindikaw li twettaq, qed jitwettaq jew x'aktarx li jitwettaq abbuż tas-suq.

2. "mezzi elettroniċi" huma mezzi ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża l-kompressjoni diġitali), il-ħżin u t-trasmissjoni ta' data, li jkunu jużaw wajers, radju, teknoloġiji ottiċi, jew kull mezz elettromanjetiku ieħor;

3. "grupp" tfisser grupp kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (11), tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]);

4. "ordni" tfisser kull ordni, inkluż kull kwotazzjoni, irrispettivament minn jekk l-iskop tagħha jkunx is-sottomissjoni inizjali, il-modifika, l-aġġornar jew il-kanċellazzjoni ta' ordni u irrispettivament mit-tip tagħha;

Artikolu 2

Rekwiżiti ġenerali

1. Il-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fil-kriptoassi għandhom jistabbilixxu u jżommu arranġamenti, sistemi u proċeduri li jiżguraw:

(a) monitoraġġ effettiv u kontinwu, għall-finijiet tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-identifikazzjoni ta' ordnijiet u tranżazzjonijiet fejn jistgħu jeżistu ċirkostanzi li jindikaw li twettaq, qed jitwettaq jew x'aktarx li jitwettaq abbuż tas-suq, tal-ordnijiet kollha riċevuti u trażmessi, u tat-tranżazzjonijiet kollha fil-kriptoassi eżegwiti;

(b) monitoraġġ effettiv u kontinwu tal-aspetti tal-funzjonament tad-DLT, għall-finijiet tad-detezzjoni u l-identifikazzjoni ta' aspetti oħra tal-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, inkluż il-mekkaniżmu ta' kunsens, fejn jistgħu jeżistu ċirkostanzi li jindikaw li twettaq, qed jitwettaq jew x'aktarx li jitwettaq abbuż tas-suq;

(c) it-trażmissjoni tal-STORs lill-awtoritajiet kompetenti skont ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u bl-użu tal-mudell stipulat fl-Anness.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

([5]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li thassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj).

2. L-obbligi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal ordnijiet, tranżazzjonijiet u aspetti oħra tal-funzjonament tad-DLT li jistgħu jikkostitwixxu abbuż tas-suq u għandhom japplikaw irrispettivament minn:

(a) il-kapaċita li fiha titqiegħed l-ordni jew tkun eżegwita t-tranżazzjoni;

(b) it-tip ta' klijenti kkonċernati;

(c) jekk l-ordnijiet ġewx ippreżentati, jew it-tranżazzjonijiet ġewx eżegwiti fuq pjattaforma tan-negozjar jew barra minnha.

3. Il-persuni li professjonalment jirrangaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi kriptoassi għandhom jiżguraw li l-arranġamenti, is-sistemi u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 ikunu:

(a) xierqa u proporzjonati f'relazzjoni mal-iskala, id-daqs u n-natura tal-attività tagħhom ta' negozju;

(b) evalwati b'mod regolari, mill-anqas permezz ta' eżerċizzju ta' awditjar ta' kull sena kif ukoll b'rieżami intern, u aġġornati fejn ikun hemm bżonn;

(c) iddokumentati b'mod ċar bil-miktub, inkluż kull tibdil jew aġġornament li jsirilhom, għall-iskopijiet tal-konformità ma' dan ir-Regolament, u l-informazzjoni dokumentata tinżamm għal 5 snin.

4. Il-persuni li professjonalment jirrangaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fil-kriptoassi għandhom, fuq talba, jipprovdu lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni dwar il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, inkluża informazzjoni dwar il-livell ta' awtomatizzazzjoni stabbilit.

Artikolu 3

Il-prevenzjoni, il-monitoraġġ u d-detezzjoni

1. L-arranġamenti, is-sistemi u l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) 2023/1114 għandhom:

(a) ikopru l-firxa sħiħa ta' attivitajiet ta' negozjar imwettqa mill-persuni li professjonalment jirrangaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fil-kriptoassi;

(b) jipproduċu twissijiet li jindikaw attivitajiet li jeħtieġu analiżi ulterjuri biex jiġi identifikat abbuż potenzjali tas-suq;

(c) jippermettu lill-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li joperaw pjattaforma ta' negozjar li:

(i) janalizzaw, individwalment u b'mod komparattiv, kull tranżazzjoni eżegwita, u kull ordni mqiegħda, modifikata, ikkanċellata, jew miċħuda fis-sistemi tal-pjattaforma ta' negozjar;

(ii) jipprevjenu l-okkorrenza ta' mġiba ripetuta osservata fuq l-istess pjattaforma ta' negozjar;

(d) jippermettu lill-persuni li professjonalment jirrangaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi kriptoassi janalizzaw, individwalment u komparattivament kull tranżazzjoni eżegwita u kull ordni mqiegħda, modifikata, ikkanċellata jew irrifjutata ġewwa u barra pjattaforma ta' negozjar, irrispettivament minn jekk l-ordnijiet u t-tranżazzjonijiet jitqegħdux u jiġux eżegwiti permezz tar-reġistru distribwit jew le, u aspetti tal-funzjonament tad-DLT li jistgħu jikkostitwixxu abbuż tas-suq.

2. Il-persuni li professjonalment jirrangaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi kriptoassi għandhom jistabbilixxu u jżommu arranġamenti u proċeduri li jiżguraw livell xieraq ta' analiżi umana fil-prevenzjoni, il-monitoraġġ, id-detezzjoni u l-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet, ordnijiet u aspetti tal-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit li jindikaw il-probabbiltà jew l-eżistenza ta' mġiba ta' abbuż tas-suq. Il-persuni li professjonalment jirrangaw jew jeżegwixxu tranżazzjoni fi kriptoassi għandhom jiġbru data personali addizzjonali biss għall-iskop uniku li jiġi żgurat livell xieraq ta' analiżi umana.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) 2023/1114, il-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi kriptoassi għandhom, sa grad li jkun xieraq u proporzjonat fir-rigward tal-iskala, id-daqs u n-natura tal-attività kummerċjali tagħhom, jużaw sistemi tal-ICT.

Is-sistemi tal-ICT imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu sistemi tal-ICT li kapaċi jaqraw, jirrepetu u janalizzaw b'mod awtomatizzat u differit id-data tal-kotba tal-ordnijiet. Tali sistemi għandu jkollhom kapaċità suffiċjenti biex joperaw f'ambjent ta' negozjar algoritmiku.

Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu, negozjar algoritmiku jfisser negozjar fi kriptoassi fejn algoritmu tal-kompjuter jiddetermina awtomatikament parametri individwali ta' ordnijiet, inkluż dwar jekk tinbediex l-ordni, it-twaqqit, il-prezz jew il-kwantità tal-ordni, jew kif tiġi ġestita l-ordni wara s-sottomissjoni tagħha, b'intervent uman limitat jew mingħajr intervent uman, u ma jinkludi l-ebda sistema li tintuża biss għall-fini ta' direzzjonar ta' ordnijiet lejn pjattaforma ta' negozjar waħda jew aktar jew għall-ipproċessar ta' ordnijiet li ma jinvolvi l-ebda determinazzjoni ta' parametri ta' negozjar jew għall-konferma ta' ordnijiet jew l-ipproċessar ta' wara n-negozjar ta' tranżazzjonijiet eżegwiti.

4. Il-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fil-kriptoassi jistgħu permezz ta' ftehim bil-miktub jesternalizzaw lil parti terza jew jiddelegaw lil persuna ġuridika li tifforma parti mill-istess grupp, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (11), tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), ("forniturі"), il-funzjonijiet relatati mal-prevenzjoni, il-monitoraġġ, id-detezzjoni u l-identifikazzjoni ta' ordnijiet, tranżazzjonijiet jew aspetti oħra tad-DLT li tiffunzjona li jistgħu jikkostitwixxu abbuż tas-suq, inkluża l-analiżi tad-data, inkluża d-data dwar l-ordnijiet u t-tranżazzjonijiet, u l-ġenerazzjoni ta' allerti. Il-persuni li jiddelegaw jew jesternalizzaw dawk il-funzjonijiet għandhom jibqgħu kompletament responsabbli għall-konformità mal-obbligi kollha tagħhom skont dan ir-Regolament u l-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) 2023/1114. Meta dawk il-funzjonijiet jiġu esternalizzati lil parti terza, il-persuni li jesternalizzaw dawk il-funzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin f'kull ħin:

(a) iżommu l-għarfien espert u r-riżorsi meħtieġa biex:

(i) jevalwaw il-kwalità tas-servizzi pprovduti u l-adegwatezza organizzazzjonali tal-forniturі;

(ii) jagħmlu superviżjoni tas-servizzi esternalizzati;

(iii) jimmaniġġjaw ir-riskji assoċjati mal-esternalizzazzjoni ta' dawk il-funzjonijiet fuq bażi kontinwa;

(b) għandu jkollhom aċċess dirett għall-informazzjoni rilevanti kollha rigward l-analiżi tad-data u l-ġenerazzjoni tal-allerti.

Il-ftehim bil-miktub imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiddeskrivi d-drittijiet u l-obbligi tal-persuna li tiddelega jew li testernalizza l-funzjonijiet u dawk tal-fornitur. Għandu jistabbilixxi wkoll ir-raġunijiet li abbażi tagħhom il-persuna li tiddelega jew testernalizza l-funzjonijiet tista' ttemm dak il-ftehim.

5. Bħala parti mill-arranġamenti, mis-sistemi u mill-proċeduri msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, il-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fil-kriptoassi għandhom iżommu l-informazzjoni li tiddokumenta l-analiżi mwettqa fir-rigward tal-ordnijiet, tat-tranżazzjonijiet u tal-aspetti tal-funzjonament tad-DLT li jistgħu jikkostitwixxu abbuż tas-suq għal perjodu ta' 5 snin. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi l-analiżi magħmula u r-raġunijiet għas-sottomissjoni jew in-nuqqas ta' sottomissjoni ta' STOR. Il-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi kriptoassi għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti fuq talba.

([6]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li thassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj).

Artikolu 4

Taħriġ

Il-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi kriptoassi għandhom jorganizzaw u jipprovdu taħriġ effettiv u komprensiv lill-persunal involut fil-prevenzjoni, il-monitoraġġ, id-detezzjoni u l-identifikazzjoni ta' ordnijiet, tranżazzjonijiet u aspetti oħra tal-funzjonament tad-DLT li jistgħu jindikaw l-eżistenza ta' abbuż tas-suq, inkluż il-persunal involut fl-ipproċessar ta' ordnijiet u tranżazzjonijiet jew inkarigat mill-funzjonament tad-DLT. Tali taħriġ għandu jsir fuq bażi regolari u jkun xieraq u proporzjonat mal-iskala, id-daqs u n-natura tan-negozju.

Artikolu 5

Rapportar ta' ordnijiet jew tranżazzjonijiet suspettużi

1. Il-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi kriptoassi għandhom jistabbilixxu u jżommu arranġamenti, sistemi u proċeduri effettivi li jippermettulhom jivvalutaw, għall-fini tas-sottomissjoni ta' STOR, jekk b'referenza għal ordni, tranżazzjoni jew aspetti oħra tad-DLT jista' jkun hemm ċirkostanzi li jindikaw li jkun twettaq, ikun qed jitwettaq jew li x'aktarx se jitwettaq abbuż tas-suq. Dawk l-arranġamenti, is-sistemi u l-proċeduri għandhom jinkludu livell xieraq ta' analiżi umana.

2. Il-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi kriptoassi għandhom jirrapportaw STOR:

(a) billi jużaw il-mudell STOR stabbilit fl-Anness u jimlew il-kampi ta' informazzjoni rilevanti għall-ordnijiet, għat-tranżazzjonijiet jew għal aspetti oħra tal-funzjonament tad-DLT irrapportati b'mod ċar u preċiż, inkluż kwalunkwe dokument ta' sostenn jew hemża;

(b) bl-użu tal-mezzi elettroniċi speċifikati minn dik l-awtorità kompetenti.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti għandha tispeċifika fuq is-sit web tagħha l-mezzi elettroniċi li għandhom jintużaw, u għandha tiżgura li dawk il-mezzi elettroniċi jiżguraw li l-kompletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni jinżammu matul it-trażmissjoni.

L-STOR imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun ibbażat fuq fatti u analiżi, filwaqt li titqies l-informazzjoni kollha disponibbli għall-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fil-kriptoassi.

3. Il-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fil-kriptoassi għandhom jiżguraw u jżommu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni stabbilita fir-rapport dwar ordnijiet jew tranżazzjonijiet suspettużi u jiżguraw li l-persuna li fir-rigward tagħha jkun ġie ppreżentat l-STOR u kwalunkwe persuna li ma tkunx meħtieġa tkun taf dwar is-sottomissjoni ta' STOR minħabba l-funzjoni jew il-pożizzjoni tagħha fi ħdan il-persuna li tirrapporta ma tkunx infurmata dwar:

(a) il-ġenerazzjoni tat-twissijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1), il-punt (b);

(b) il-valutazzjoni li tista' twassal għas-sottomissjoni ta' STOR;

(c) il-fatt li l-persuna li tirrapporta se tlesti l-STOR mingħajr ma tibgħat talbiet ta' informazzjoni lill-persuna li fir-rigward tagħha l-STOR jista' jiġi sottomess biex timla ċerti kampi;

(d) is-sottomissjoni ta' STOR lill-awtorità kompetenti, jew l-intenzjoni li jiġi sottomess wieħed.

Artikolu 6

Iż-żmien tal-preżentazzjoni ta' rapporti STOR

1. Il-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi kriptoassi għandhom jiżguraw li jkollhom fis-seħħ arranġamenti, sistemi u proċeduri effettivi għas-sottomissjoni ta' STOR mingħajr dewmien, ladarba jiġi ffurmat suspett raġonevoli ta' abbuż tas-suq.

2. L-arranġamenti, is-sistemi u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinvolvu l-possibbiltà li jiġu rrapportati STORs fir-rigward ta' tranżazzjonijiet, ordnijiet jew aspetti oħra tal-funzjonament tad-DLT li seħħew fil-passat, fejn ikun inħoloq suspett fid-dawl ta' avvenimenti jew informazzjoni sussegwenti. F'każijiet bħal dawn, il-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fil-kriptoassi għandhom jispjegaw fl-STOR id-dewmien bejn il-ksur suspettat u s-sottomissjoni tal-STOR skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ.

3. Il-persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fil-kriptoassi għandhom jippreżentaw lill-awtorità kompetenti kwalunkwe informazzjoni addizzjonali rilevanti li jsiru jafu biha wara li jkun ġie ppreżentat l-STOR, u għandhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni jew dokument mitlub mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 7

Skambju ta' rapporti bejn l-awtoritajiet kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu l-STORs billi jużaw il-formola tal-għoti ta' informazzjoni mhux mitluba stabbilita fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2545 ([7]).

2. L-awtorità kompetenti trażmittenti għandha tehmeż l-STOR mal-formola msemmija fil-paragrafu 1, mingħajr ma tkun meħtieġa tittraduċiha fil-lingwa tal-awtorità kompetenti riċeventi. L-awtorità kompetenti trażmittenti għandha tinkludi kwalunkwe dokument addizzjonali pprovdut fl-STOR, li jispeċifika l-bażi legali għall-għoti tal-informazzjoni.

Artikolu 8

Proċeduri ta' koordinazzjoni għad-detezzjoni u s-sanzjonar ta' sitwazzjonijiet ta' abbuż tas-suq transfruntier

1. Awtorità kompetenti li tissuspetta li seħħ, jista' jkun li seħħ, jew jista' jkun li qed iseħħ, abbuż tas-suq transfruntier għandha tirrapporta l-istatus tal-valutazzjoni preliminari tagħha lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati l-oħra mingħajr dewmien żejjed, inkluż, fejn applikabbli, lill-awtoritajiet kompetenti tal-pjattaformi ta' negozjar fejn il-kriptoassi jkun ammess għan-negozjar.

Meta jiġu infurmati dwar sitwazzjonijiet ta' abbuż tas-suq transfruntier, l-awtoritajiet kompetenti riċeventi għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jikkondividu informazzjoni dwar l-ippjanar jew l-eżistenza ta' kwalunkwe attività jew miżura superviżorja jew, fejn applikabbli u fejn tali informazzjoni tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti riċeventi, dwar investigazzjoni kriminali eżistenti dwar l-istess każ;

2. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom:

(a) jaġġornaw perjodikament lil xulxin dwar sitwazzjonijiet ta' abbuż tas-suq transfruntier;

(b) jinfurmaw lil xulxin dwar żviluppi interim sinifikanti relatati ma' sitwazzjonijiet ta' abbuż tas-suq transfruntier;

(c) jikkoordinaw l-azzjonijiet superviżorji u ta' infurzar tagħhom.

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2545 tal-24 ta' Settembru 2024 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' formoli, mudelli u proċeduri standard għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti (ĠU L, 2024/2545, 26.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2545/oj).

3. Awtorità kompetenti li tkun bdiet formalment investigazzjoni, attività ta' infurzar jew, fejn applikabbli, li tkun konxja minn investigazzjoni kriminali, għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kkonċernati b'dan, inkluż, fejn applikabbli, lill-awtoritajiet kompetenti tal-pjattaformi ta' negozjar fejn il-kriptoassi jkun ammess għan-negozjar. L-awtorità kompetenti li tirrapporta tista' tinforma lill-ESMA;

4. L-awtoritajiet kompetenti li jkunu bdew investigazzjoni jew attività ta' infurzar fil-kuntest ta' sitwazzjonijiet transfruntiera, jew li jkunu involuti fiha, jistgħu jitolbu l-koordinazzjoni tal-ESMA.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "sitwazzjonijiet ta' abbuż tas-suq transfruntier" għandha tfisser kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) sitwazzjoni fejn aktar minn awtorità kompetenti waħda tkun kompetenti biex tidentifika, tinvestiga jew tissanzjona każ potenzjali ta' abbuż tas-suq;

(b) sitwazzjoni fejn il-kooperazzjoni bejn żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar tkun meħtieġa biex jiġi identifikat, investigat jew issanzjonat każ potenzjali ta' abbuż tas-suq.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Mudell ta' rapport STOR

*Jekk jogħġbok innota li l-oqsma **kollha** fit-Taqsimiet 1-4 huma obbligatorji. Meta l-informazzjoni ma tkunx tista' tiġi pprovduta għal qasam speċifiku, jekk jogħġbok indika "NA" u spjega fil-qosor ir-raġunijiet għal dan.*

TAQSIMA 1 — IDENTITÀ TAL-ENTITÀ/TAL-PERSUNA LI QED TIPPREŻENTA R-RAPPORT STOR

Persuni li professjonalment jirranġaw jew jeżegwixxu tranżazzjonijiet fi kriptoassi — Speċifika f'kull każ:

Isem il-persuna fiżika	[Isem/Ismijiet u kunjom(ijiet) tal-persuna fiżika inkarigata mill-preżentazzjoni tar-rapport STOR fi ħdan l-entità li qed tippreżenta.]
Pożizzjoni fi ħdan l-entità li qed tirrapporta	[Pożizzjoni tal-persuna fiżika inkarigata mill-preżentazzjoni tar-rapport STOR fi ħdan l-entita li qed tippreżenta.]
Isem l-entità li qed tirrapporta	[Isem sħiħ tal-entità li qed tirrapporta, inkluż fil-każ ta' persuni ġuridiċi: — il-forma legali kif ipprovdut fir-reġistru tal-pajjiż skont il-liġi li fiha hi inkorporata, fejn applikabbli, kif ukoll — il-kodiċi tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (Legal Entity Identifier, LEI) f'konformità mal-kodiċi LEI ISO 17442.]
Indirizz tal-entità li qed tirrapporta	[L-indirizz sħiħ (eż. it-triq, in-numru tat-triq, il-kodiċi postali, il-belt, l-istat/il-provinċja) u l-pajjiż.]
Il-kapaċità li taġixxi tal-entità fir-rigward tal-ordnijiet, tat-tranżazzjonijiet jew tal-imġiba relatata mal-funzjonament tad-DLT li tista' tikkostitwixxi abbuż tas-suq	[Deskrizzjoni tal-kapaċità li fiha l-entità li qed tirrapporta kienet qed taġixxi fir-rigward tal-ordni(jiet), it-tranżazzjoni(jiet) jew l-imġiba/iet relatata/i mal-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit li tista' tindika l-eżistenza ta' abbuż tas-suq, eż. l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet f'isem il-klijenti, l-operat ta' pjattaforma ta' negozjar...]
Tip ta' attività ta' negozjar (ġenerazzjoni tas-suq, arbitraġġ, eċċ.) u tip ta' kriptoassi nnegozjati mill-entità li qed tirrapporta	[Deskrizzjoni ta' kull arranġament jew ċirkostanzi jew relazzjonijiet korporattiv(i), kuntrattwali jew organizzattiv(i).]
Kuntatt għal talba addizzjonali għall-informazzjoni	[Persuna li għandha tiġi kkuntattjata fl-entità li qed tirrapporta għal talba addizzjonali għal informazzjoni relatata ma' dan ir-rapport (eż. uffiċjal għall-konformità) u dettalji ta' kuntatt rilevanti, jekk mhux l-istess bħall-persuna responsabbli għas-sottomissjoni tal-STOR: — isem/ismijiet u kunjom/ijiet, — pożizzjoni tal-persuna ta' kuntatt fi ħdan l-entità li qed tirrapporta, — indirizz professjonali tal-posta elettronika, — numru tat-telefown professjonali.]
Il-fatti diġà ġew irrappurtati lill-awtoritajiet pubbliċi?	Jekk jogħġbok iddikjara jekk il-fatti ġewx diġà rrappurtati lill-awtorità pubblika (u f'dak il-każ indika l-isem tal-awtorità).

TAQSIMA 2 — TRANŻAZZJONI/ORDNI/IMĠIBA U ASPETTI OĦRA RELATATI MAL-FUNZJONAMENT TAT-TEKNOLOĠIJA TA' REĠISTRU DISTRIBWIT

Deskrizzjoni tal-kriptoassi:	Iddeskrivi l-kriptoassi li huma s-suġġett tal-STOR, filwaqt li tispeċifika: — l-isem sħiħ (inkluż l-Identifikatur tat-Token Diġitali (Digital Token Identifier, DTI) f'konformità mal-ISO 24165-2 jew identifikatur uniku ekwivalenti kif imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1140 [1]) li jispeċifika r-rekords li għandhom jinżammu tas-servizzi, l-attivitajiet, l-ordnijiet u t-tranżazzjonijiet kollha tal-kriptoassi mwettqa) jew deskrizzjoni tal-kriptoassi fin-nuqqas ta' DTI. Meta l-imġiba suspettuża tinvolvi par ta' negozjar, jekk jogħġbok elenka ż-żewġ kriptoassi fil-par, — it-tip ta' kriptoassi (token irreferenzjat ma' assi (asset-referenced token, ART), token tal-flus elettroniċi (e-money token, EMT), kriptoassi oħrajn) u għal ARTs u EMTs, il-valur, id-dritt jew il-munita uffiċjali (jew kombinazzjoni tagħhom) li l-kriptoassi jirreferu għalihom sabiex jinżamm valur stabbli.
Isem/ismijiet tar-reġistru/i distribwit(i):	[Ipprovdi l-isem/ismijiet sħiħ/sħaħ tar-reġistru/i distribwit(i) fejn ġiet osservata l-imġiba suspettuża]
Pjattaforma ta' negozjar fejn saret l-ordni jew fejn ġiet eżegwita t-tranżazzjoni	[Speċifika l-isem u l-Kodiċi ta' Identifikazzjoni tas-Suq (Market Identifier Code, MIC) f'konformità mal-ISO 10383 biex tidentifika l-pjattaforma ta' negozjar fejn saret l-ordni jew fejn ġiet eżegwita t-tranżazzjoni. Meta l-ordni/it-tranżazzjoni ma tkunx ġiet identifikata fi pjattaforma ta' negozjar, jekk jogħġbok semmi "barra minn pjattaforma ta' negozjar" u l-LEI tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li wettaq it-tranżazzjoni fejn applikabbli.]
Post (pajjiż)	[Isem sħiħ tal-pajjiż u l-kodici tal-pajjiż ta' żewġ karattri ISO 3166-1.] [Speċifika fejn: — l-ordni tingħata — it-tranżazzjoni tiġi eżegwita, — isseħħ l-imġiba relatata mal-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit.]
Deskrizzjoni tal-ordni, tat-tranżazzjoni jew tal-imġiba suspettuża relatata mal-funzjonament tad-DLT	[Iddeskrivi mill-inqas il-karatteristiċi li ġejjin tal-ordni(jiet) tranżazzjoni(jiet) jew imġiba/iet irrappurtata/i: — id-data/i u l-ħin(ijiet) tal-ordni(jiet), tat-tranżazzjoni(jiet) jew tal-imġiba/iet. (Id-dati u l-ħinijiet għandhom jiġu rrapportati f'UTC skont il-format fl-ISO 8601). — in-numru ta' referenza tat-tranżazzjoni jew in-numru ta' referenza tal-ordni jew il-hash tat-tranżazzjoni. — id-data u l-ħin tal-ħlas, — il-prezz tax-xiri/il-prezz tal-bejgħ, — il-volum/il-kwantità ta' kriptoassi, — għall-ordnijiet biss, it-tip ta' ordni (eż. "ixtri b'limitu ta' EUR x"), [Meta jkun hemm diversi ordnijiet jew tranżazzjonijiet li jistgħu jikkostitwixxu abbuż tas-suq, id-dettalji dwar il-prezzijiet u l-volumi ta' tali ordnijiet u tranżazzjonijiet jistgħu jiġu pprovduti lill-awtorità kompetenti f'Anness tal-STOR.]

	— Informazzjoni dwar il-kanċellazzjoni jew l-alterazzjoni tal-ordni inkluż: — in-natura tal-alterazzjoni (eż. bidla fil-prezz jew il-kwantità) u l-livell tal-alterazzjoni, [Meta jkun hemm ordnijiet jew tranżazzjonijiet multipli li jkunu jistgħu jikkostitwixxu abbuż minn informazzjoni privileġġjata, manipulazzjoni tas-suq, jew tentattiv ta' abbuż minn informazzjoni privileġġjata jew manipulazzjoni tas-suq, id-dettalji dwar il-prezzijiet u l-volumi ta' tali ordnijiet u tranżazzjonijiet jistgħu jingħataw lill-awtorità kompetenti f'Anness tal-STOR.] — il-mezzi li bihom ġiet alterata l-ordni (eż. permezz ta' posta elettronika, telefown, eċċ.). F'każ ta' rapportar ta' mġiba suspettuża relatata mal-funzjonament tar-reġistru distribwit, jekk jogħġbok ipprovdi kemm jista' jkun dettall, inkluż l-impatt li kellha fuq il-validazzjoni tat-tranżazzjonijiet u l-metodu użat biex jinbidel il-funzjonament tad-DLT.

TAQSIMA 3 — DESKRIZZJONI TAN-NATURA TAS-SUSPETT

Natura tas-suspett	[Speċifika t-tip ta' ksur li fuq il-bażi tiegħu l-ordni(jiet), it-tranżazzjoni(jiet), l-imġiba/iet irrappurtata/i relatata/i mal-funzjonament tad-DLT, tista'/jistgħu tikkostitwixxi/jikkostitwixxu abbuż tas-suq].
Raġunijiet tas-suspett	[Deskrizzjoni tal-attività (tranżazzjonijiet u ordnijiet, mod kif jitqiegħdu l-ordnijiet jew jiġu eżegwiti t-tranżazzjonijiet u l-karatteristiċi tal-ordnijiet u t-tranżazzjonijiet li jagħmluhom suspettużi, imġiba relatata mal-funzjonament tad-DLT) u kif il-kwistjoni ġiet għall-attenzjoni tal-persuna li tirrapporta u speċifika r-raġunijiet għas-suspett. Għall-kriptoassi ammessi għan-negozjar/innegozjati fuq pjattaforma ta' negozjar, deskrizzjoni tan-natura tal-interazzjoni/tat-tranżazzjonijiet fil-ktieb tal-ordnijiet li jistgħu jikkostitwixxu abbuż tas-suq.]

TAQSIMA 4 — IDENTIFIKAZZJONI TAL-PERSUNA/I RESPONSABBLI GĦALL-ORDNIJIET, IT-TRANŻAZZJONIJIET JEW L-IMĠIBA RELATATA MAL-FUNZJONAMENT TAT-TEKNOLOĠIJA TA' REĠISTRU DISTRIBWIT LI TISTA' TIKKOSTITWIXXI ABBUŻ TAS-SUQ ("PERSUNA SUSPETTATA")

Isem	[Fil-każ ta' persuni fiżiċi: l-ewwel isem/ismijiet u l-kunjom/ijiet.] [Fil-każ ta' persuni ġuridiċi: isem sħiħ inkluża l-forma legali kif hemm ipprovdut għaliha fir-reġistru tal-pajjiż li skont il-liġijiet tiegħu hija inkorporata, fejn applikabbli, u l-kodiċi LEI (Identifikatur ta' Entità Legali) skont ISO 17442.]
Numru ta' Identifikazzjoni Nazzjonali	[Numru u/jew test]. [Fejn in-Numru ta' Identifikazzjoni Nazzjonali ma jkunx applikabbli jew magħruf, ipprovdi data tat-twelid (għal persuni fiżiċi biss) fil-format ISO 8601]
Indirizz	[L-indirizz sħiħ (eż. it-triq, in-numru tat-triq, il-kodiċi postali, il-belt, l-istat/il-provinċja) u l-pajjiż.]
Informazzjoni dwar l-impjieg: — Post — Pożizzjoni	[Informazzjoni dwar l-impjieg tal-persuna suspettata, minn sorsi ta' informazzjoni disponibbli internament lill-entità li tirrapporta (eż. dokumentazzjoni dwar kontijiet fil-każ ta' klijenti, sistema ta' informazzjoni dwar il-persuna fil-każ ta' impjegat tal-entità li qed tirrapporta).]
In-numru/i tal-kont(ijiet) u l-indirizz(i) tal-kartiera/i	[Numru tal-kont/ijiet ta' flus kontanti, kull kont konġunt jew kull Prokura fuq il-kont li jkollha l-persuna/l-entità suspettata. L-indirizz(i) tal-kartiera/i involut(i) fit-tranżazzjoni jew fl-imġiba suspettata]
Identifikatur tal-Klijenti	[Fil-każ li l-persuna suspettata tkun klijent tal-entità li qed tirrapporta.]
Relazzjoni mal-emittent tal-kriptoassi kkonċernata	[Deskrizzjoni ta' kull arranġament korporattiv, kuntrattwali jew organizzattiv jew ċirkostanzi jew relazzjonijiet]

TAQSIMA 5 — INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Informazzjoni oħra rilevanti għar-rapport, skont l-attività

[Il-lista li ġejja hija indikattiva u mhux eżawrjenti. Informazzjoni oħra meqjusa utli mill-persuna li tirrapporta tista' tiġi pprovduta fejn rilevanti għall-STOR.]

— il-pożizzjoni tal-persuna suspettata (eż. klijent mhux korporattiv, istituzzjonijiet),

— in-natura tal-intervent tal-entità/persuna suspettata (f'isimha stess, f'isem klijent, validatur tat-tranżazzjonijiet f'sistema ta' reġistru distribwit, oħrajn).

— Meta l-imġiba suspettata titwettaq fuq DLT, informazzjoni rilevanti oħra tista' tinkludi:

  — jekk it-tranżazzjoni għaddietx minn kju pubbliku jew privat (kriptat) tat-tranżazzjonijiet (jiġifieri mempool) qabel ma ġiet ivvalidata fuq id-DLT;

  — jekk id-DLT hijiex pubblika (mingħajr awtorizzazzjoni) jew privata (b'awtorizzazzjoni);

  — interazzjonijiet potenzjali ma' kuntratti intelliġenti, inkluża l-ispeċifikazzjoni tal-indirizz tal-kuntratt u l-funzjoni msejħa;

— id-daqs tal-portafoll tal-entità/tal-persuna suspettata,

— id-data li fiha r-relazzjoni ta' negozju mal-klijent bdiet jekk l-entità/il-persuna suspettata hija klijent tal-persuna/l-entità li qed tirrapporta,

— it-tip ta' attività tal-post tan-negozjar, fejn disponibbli, tal-entità suspettata,

— xejriet tan-negozjar tal-entità/tal-persuna suspettata. Bħala gwida, dawn li ġejjin huma eżempji ta' informazzjon li tista' tkun utli:

  — drawwiet tan-negozjar tal-entità/persuna suspettata,

  — il-komparabbiltà tad-daqs tal-ordni/tat-tranżazzjoni rrappurtata mad-daqs medju tal-ordnijiet ippreżentati/it-tranżazzjonijiet eżegwiti mill-entità/il-persuna suspettata f'dawn l-aħħar 12-il xahar,

  — drawwiet tal-entità/persuna suspettata f'termini tal-kriptoassi li nnegozjat għall-aħħar 12-il xahar, b'mod partikolari jekk l-ordni/tranżazzjoni rrapportata tirrelatax ma' kriptoassi nnegozjat mill-entità/persuna suspettata għas-sena li għaddiet.

— Entitajiet/persuni oħra magħrufa li huma involuti fl-ordnijiet jew tranżazzjonijiet li jistgħu jikkostitwixxu abbuż tas-suq:

  — ismijiet,

— attività (eż. l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet f'isem il-klijenti, in-negozjar akkont proprju, l-operat ta' pjattaforma ta' negozjar, il-validazzjoni tat-tranżazzjonijiet.)

TAQSIMA 6 — DOKUMENTAZZJONI MEHMUŻA

[Elenka l-hemżiet u l-materjal ġustifikattivi flimkien ipprovduti ma' dan l-STOR].

Eżempji ta' tali dokumentazzjoni huma emails, reġistrazzjonijiet tal-konverżazzjonijiet, rekords tal-ordni/tranżazzjoni, rekords tat-teknoloġija tar-reġistru distribwit, konfermi, rapporti tal-brokers, dokumenti ta' prokura, u kummenti mill-midja fejn rilevanti.

Meta l-informazzjoni dettaljata dwar l-ordnijiet/it-tranżazzjonijiet/l-imġiba relatata mal-funzjonament tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit imsemmija fit-Taqsima 2 tiġi pprovduta f'anness separat, indika t-titolu ta' dak l-anness.]

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1140 tas-27 ta' Frar 2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekords li għandhom jinżammu tas-servizzi, l-attivitajiet, l-ordnijiet u t-tranżazzjonijiet kollha tal-kriptoassi mwettqa (ĠU L, 2025/1140, 10.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1140/oj).